**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru: 16/2011 MLF**

**Customs & Freight Agency Limited**

**vs**

**Michael Mifsud**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef hames mija u sitta u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€3,566.96) rapprezentanti spejjez u drittijiet dovuti lis-socjeta' rikorrenti ghall-ippakjar u t-taghbija ta' oggetti personali tal-konvenut mill-Ingilterra ghal Malta u s-servizzi kollha relatati u ancillary, kif jindika l-invoice mmarkat Dok A.

   Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   Illi t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi t-talba tal-kumpannija rikorrenti hija eccessiva peress li: (i) il-prezz mifthiem bejn il-kumpannija rikorrenti u l-intimat ghas-servizz li kellu jigi rez lilu kien ta' elfejn euro (€2,000) u mhux ta' tlett elef hames mija u sitta u sittin euro u sitta u disghin centezmu (€3,566.96) kif qieghed jintalab f'din il-kawza, u (ii) l-intimat inghata servizz inferjuri ghal dak imwieghed lilu mill-kumpannija rikorrenti, biex b'hekk is-servizz effettivament rez mill-kumpannija rikorrenti lill-intimat jiswa' ferm anqas mill-elfejn euro (€2,000) miftiehma originarjament bejniethom;

ii. Illi bhal hsara ghas-suespost, il-kumpannija rikorrenti da parti taghha hija debitrici tal-intimat peress li huwa sofra danni kawza tal-agir tal-kumpanija rikorrenti minhabba li: (i) xi oggetti minnha ttrasportati mill-Ingilterra ghal Malta garrbu hsarat waqt li kienu taht ir-responsabilita' tal-kumpanija rikorrenti; u (ii) f'zewg okkazzjonijiet separati l-kumpannija rikorrenti naqset li zzomm l-appuntament taghha mal-intimat fil-post minn fejn kellu jsir l-ippakjar u taghbija tal-oggetti in kwistjoni fl-Ingilterra. Kawza ta' dawn in-nuqqasijiet gravi, l-intimat sofra danni konsistenti fl-ispejjez ta' zewg vjaggi fl-Ingilterra, inkluz il-prezz tal-vjagg minn Malta ghall-Ingilterra u lura, akkomodazzjoni, vjaggar intern u spejjez ohra ancillari; ghal-liema danni l-intimat qieghed kontestwalment ma' din ir-risposta jipprezenta l-kontro-talba tieghu kontra l-kumpannija rikorrenti;

3. Rat illi l-konvenut ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni tal-attrici sabiex iharrek lis-socjeta' attrici in via rikonvenzjonali kif ser jinghad. Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut jghid hekk:

i. Illi l-intimat rikonvenjenti inkariga lill-kumpannija rikorrenti rikonvenuta Customs & Freight Agency Limited sabiex tipprovdilu servizz ta' ippakjar u taghbija ta' oggetti personali tieghu mill-Ingilterra ghal Malta, u dan ghall-prezz ta' elfejn euro (€2,000) miftiehem minn qabel inghata s-servizz;

ii. Illi sabiex jigi rez tali servizz kien jinhtieg jiltaqa' mar-rapprezentanti tal-kumpannija rikorrenti fl-ingilterra minn fejn kellhom jingabru l-oggetti in kwistjoni;

iii. Illi madankollu, f'zewg okkazjonijiet separati l-kumpannija rikorrenti naqset li zzomm l-appuntament taghha mal-intimat fil-post fejn kellu jsir l-ippakjar u t-taghbija tal-oggetti in kwsitjoni fl-Ingilterra;

iv. Illi kawza ta' dan in-nuqqasijiet gravi tal-kumpannija rikorrenti, l-intimat sofra danni konsistenti fl-ispejjez ta' zewg vjaggi fl-Ingilterra, inkluz il-prezz tal-vjagg minn Malta ghall-Ingilterra u lura, akkomodazzjoni, vjaggar intern fl-Ingilterra u spejjez ohra ancillari;

v. Illi in oltre', l-intimat sofra danni ulterjuri peress li xi oggetti tieghu ttrasportati mill-Ingiltera ghal Malta mill-kumpannija rikorrenti garrbu xi hsarat waqt li kienu taht ir-responsabilita' tal-kumpannija rikorrenti;

Ghaldaqstant, l-intimat rikonvenjenti talab li l-kumpanija rikorrenti rikonvenzjonata tigi ikkundannata:

Thallas lill-intimat rikonvenjenti d-danni kollha minnu sofferti minhabba n-nuqqasijiet gravi tal-kumpannija rikorrenti rikonvenzjonata, konsistenti (i) fil-valur tal-oggetti tal-intimat li garrbu xi hsarat waqt li kienu taht ir-responsabbilta' tal-kumpannija rikorrenti u, (ii) l-ispejjez ta' zewg vjaggi fl-Ingilterra li saru ghalxejn, inkluz il-prezz tal-vjagg minn Malta ghall-Ingilterra u lura, akkomodazzjoni, vjaggar intern fl-Ingilterra u spejjez ohra ancillari.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kontra l-kumpannija rikorrenti rikonvenzjonata.

Ghall-fini ta' kompetenza gie ddikjarat li d-danni sofferti mill-intimat rikonvenjenti ma jeccedux is-somma ta' tlett elef euro (€3,000).

4. Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata ghal kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant fejn eccepiet:

i. Illi fl-ewwel lok ma huwiex minnu illi s-socjeta' rikorrenti naqqset milli zzomm xi appuntamenti mal-intimat gewwa l-Ingilterra, u kwalsiasi dewmien sehh unikament b'responsabilita' tal-istess intimat.

ii. Illi lanqas huwa minnu dak allegat mill-intimat ossia illi huwa sofra hsarat f'xi oggetti waqt li kienu taht ir-responsabbilta' tal-kumpanija rikorrenti.

iii. Illi inoltre' l-intimat stess kien wieghed il-hlas lis-socjeta' attrici wara li sehhet lilu l-konsenja, izda meta s-socjeta' rikorrenti bdiet titolbu l-hlas l-intimat beda jaghmel l-allegazzjonijiet dwar danni.

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Kevin Attard, managing director tas-socjeta' attrici, xehed li l-konvenut kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex tipprovdih b'servizzi ta' trasport ta' diversi oggetti mill-Ingilterra lejn Malta. Xehed li originarjament il-konvenut kien talbu l-prezz ta' *container* tal-ghoxrin pied. Spjega li dwar id-data meta kellhom jingabru dawn l-oggetti, kien sar ftehim bejn il-konvenut u l-kumpannija Impex Freight Services Limited li tagixxi bhala agent tas-socjeta' attrici gewwa l-Ingilterra, u li f'xi zmien il-konvenut kien infurmah li ma setax izomm id-data mifthema mal-agent stante li kellu impenji personali.

ii. Ix-xhud kompla jixhed li sussegwentement, il-konvenut kien infurmah li kien ser jehtieg *container* akbar tal-erbghin pied stante li kellu l-hsieb li flimkien ma' dawn l-oggetti jitrasporta ukoll vettura. Qal li dak iz-zmien il-konvenut kien

ghadu ma akkwistax din il-vettura u li ghalhekk il-konvenut kien infurmah li kien jehtieg aktar zmien. Spjega li ftit wara l-agent tas-socjeta' attrici kien infurmah li l-konvenut kien rega' biddel il-hsieb u li kien ser ikun jehtieg biss il-*container* tal-ghoxrin pied.

iii. Ix-xhud kompla jghid li madwar nofs ix-xahar ta' Mejju, kien gie infurmat mill-agent li kienet giet maqbula data ohra mal-konvenut li fiha kellhom jingabru dawn l-oggetti. Qal li l-ftehim mal-konvenut kien li l-ippakjar tal-oggetti kellu jaghmlu l-konvenut stess. Xehed li minkejja dan, meta l-agent mar biex jigbor dawn l-oggetti innota li dawn ma kienux gew ippakjati sew. Ghalhekk is-socjeta' attrici kienet inkarigat lil terzi sabiex jippakjaw dawn l-oggetti b'mod adegwat. L-oggetti ttiehdu d-*depot* tal-agent fejn imbaghad gew mghobbija fil-*container* bin-numru CMAU 759336 li gie ssiggillat bis-Seal numru 366076.

iv. L-oggetti gew ikkonsenjati lill-konvenut mill-kumpanija Frida's Limited, li hija l-burdnara inkarigata mis-socjeta' attrici. Ix-xhud spjega li kemm hu u anke l-konvenut kien prezenti ghal konsenja tal-oggetti li gew iccekjati mill-istess konvenut u li dak il-hin ma gie nnutat ebda difett, tant li l-konvenut kien qallu li kien ser imur l-ufficju tas-socjeta' attrici biex ihallas il-kont, liema hlas baqa' qatt ma sehh.[1]

v. Is-socjeta' attrici harget fattura bin-numru 233 ghall-ammont ta' €3,566.96 u datata 2 ta' Lulju 2010, liema fattura intbaghtet lill-konvenut b'ittra registrata datata 6 ta' Awwissu 2010.[2]

vi. Chris Grech, *driver* mal-kumpanija Frida's Limited, spjega li l-*container* inhatt fid-dar tal-konvenut u nfetah fil-prezenza tieghu. Qal li s-sigilli kienu intatti u l-oggetti tpoggew fid-dar tal-konvenut mkebbin fil-kartun kif kienu ppakjati fil-*container*. Ix-xhud qal li dak il-hin il-konvenut ma qajjem l-ebda lment.[3]

---

[1] Ara l-affidavit ta' Kevin Attard a *fol.* 72 tal-process
[2] Ara l-ittra datata 6 ta' Awwissu 2010 u l-fattura numru 233 a *fol.* 26 tal-process
[3] Ara x-xhieda ta' Chris Grech a *fol.* 39 tal-process

vii. Il-konvenut xehed li hu kien jghix Malta fiz-zmien li kien inkariga lis-socjeta' attrici biex titrasporta l-oggetti personali tieghu mill-Ingilterra lejn Malta. Qal li wara li kien ftiehem data mas-socjeta' attrici meta kellu jsir il-garr, huwa kien mar l-Ingilterra madwar tlett ijiem qabel bl-iskop li jippakja dawn l-oggetti, izda s-socjeta' attrici ma baghtetx il-*container* fil-gurnata maqbula, u ghalhekk kellu jigi lura lejn Malta. Qal li sussegwentement giet maqbula gurnata ohra, rega mar l-Ingilterra u ghat-tieni darba s-socjeta' attrici regghet ma baghtetx il-*container* fil-gurnata maqbula. Xehed li ghalhekk giet maqbula data ohra u din it-tielet darba minflok *container* mar van, u li meta staqsa x'kienet ir-raguni gie infurmat li l-oggetti kienu ser jigu trasportati bil-van sal-mahzen, jinhattu hemmhekk biex imbaghad jitghabbew go *container* li jigi Malta. Xehed li wara l-konsenja kien innota li kien hemm xi hsarat f'uhud mill-oggetti.[4]

viii. Il-konvenut esebixxa numru ta' messaggi li rcieva minghand Kevin Attard bejn is-6 ta' Mejju 2010 u l-11 ta' Mejju 2010. Minn dawn il-messaggi jirrizulta li f'dan il-perjodu il-garr kellu jigi pospost peress li kien hemm xi diffikultajiet da parti tal-agent tas-socjeta' attrici li jghabbu l-affarijiet fil-gurnata mifthema. B'messagg datat 7 ta' Mejju 2010 Kevin Attard qal lil konvenut "*I would appreciate if you could call me upon landing to reimburse you the costs if any cause this is highly embarrassing for me and my companies reputation*".[5]

ix. Irrizulta li l-konvenut kien siefer l-Ingilterra fi tlett okkazzjonijiet bl-iskop li dawn l-oggetti jitghabbew u jingarru lejn Malta. Il-konvenut akkwista l-ewwel vjagg li kellu jitlaq minn Malta fit-30 ta' April 2010 u jirritorna lura fit-3 ta' Mejju 2010 bil-prezz ta' €796.93. It-tieni vjagg kellu jitlaq minn Malta fis-6 ta' Mejju 2010 u jirritorna lura fis-7 ta' Mejju 2010 bil-prezz ta' €948.93.[6] Matul dawn iz-zewg vjaggi l-konvenut kien kera vettura ghal perjodu kollu tal-vjagg, l-ewwel darba versu l-prezz ta' €605.96 u t-tieni darba versu l-prezz ta' €556.97.[7] Ma gietx prodotta evidenza dwar l-ispejjez relatati mat-tielet vjagg.

---

[4] Ara r-ritratti minn *fol.* 73 sa *fol.* 78 tal-process
[5] Ara l-messaggi immarkati bhala Dok MM1 a *fol.* 70 tal-process
[6] Ara email datata 8 ta' Mejju 2010 immarkata bhala Dok MMX2 a *fol.* 92 tal-process
[7] Ara r-ricevuti immarkati bhala Dok MMX3 u MMX4 a *fol.* 93 u 94 tal-process

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-kawza odjerna tirrigwarda talba tas-socjeta' attrici ghal hlas ta' diversi ammonti dovuti lilha bhala spejjez u drittijiet in konnessjoni ma' servizzi ta' trasport ta' diversi oggetti mill-Ingilterra lejn Malta fuq inkarigu tal-konvenut.

9. Da parti tieghu il-konvenut mhux qieghed jikkontesta l-fatt li dawn is-servizzi gew rezi. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-ammont pretiz huwa eccessiv stante li skond il-konvenut il-prezz pattwit bejn il-partijiet ghal dawn is-servizzi kien ta' €2,000, filwaqt li jilmenta wkoll mill-kwalita' tas-servizz. In oltre, il-konvenut jghid ukoll li huwa sofra danni konsistenti fi hsarat fl-oggetti matul il-garr, u wkoll fi spejjez ta' zewg vjaggi li kellu jaghmel lejn l-Ingilterra inutilment ghal ragunijiet imputabbli lis-socjeta' attrici. Ghal dawn id-danni l-konvenut ressaq il-kontro-talba relattiva.

10. Fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe' li l-prezz pattwit ghal dan il-garr kien ta' €2,000, il-Qorti tosserva li ghajr ghax-xhieda tieghu, il-konvenut ma pproduca ebda prova ohra f'dan ir-rigward. L-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jippreskrivi li *"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."* Il-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat, b'mod partikolari meta x-xhieda tieghu tigi mqabbla mal-verzjoni ta' Kevin Attard li xehed li originarjament il-ftehim mal-konvenut ma kienx jinkludi l-ippakjar ta' dawn l-oggetti stante li dan l-ippakjar kellu jaghmlu l-konvenut stess, fatt dan ammess mill-konvenut stess meta xehed li kien mar l-Ingilterra madwar tlett ijiem qabel bl-iskop li jippakja dawn l-oggetti. Ghalhekk anke jekk is-socjeta' attrici kienet tat stima lill-konvenut fl-ammont li jghid il-konvenut, mill-provi rrizulta li waqt il-garr irrizultat il-htiega li jigu nkarigati terzi sabiex jipprovdu servizz ta' ippakjar, liema servizzi jirrizultaw ukoll fil-fattura mahruga mis-socjeta' attrici. Mill-atti ma hemm xejn x'jindika li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa esagerat jew sproporzjonat meta kkumparat mas-servizzi rezi. Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ser tigi michuda.

11. Fir-rigward imbaghad tat-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe' li s-servizzi rezi mis-socjeta' attrici kienu inferjuri ghal dawk imwieghda lilu, il-Qorti tqis

illi jekk din l-eccezzjoni hija relatata mal-fatt li l-garr tal-oggetti mid-dar tal-konvenut ghall-mahzen tal-agent tas-socjeta' attrici sar permezz ta' van u mhux permezz ta' *container*, anke f'dan ir-rigward ma giet prodotta ebda prova dwar kif dan il-fatt irrenda s-servizz tas-socjeta' attrici bhala wiehed inferjuri. In oltre, mix-xhieda ta' Kevin Attard irrizulta li dan kien necessarju in vista tad-daqs tat-triq minn fejn kellhom jingabru dawn l-oggetti. Fil-fattura mahruga mis-socjeta' attrici hemm rendikont tad-diversi entrati li jifformaw l-ammont pretiz, u mill-atti processwali ma jirrizultax ghal liema wahda minn dawn l-entrati din l-eccezzjoni kienet indirizzata, tenut kont ukoll tal-fatt li uhud minn dawn l-entrati huma relattivi ghal spejjez li nkorriet is-socjeta' attrici sabiex setghet twettaq l-inkarigu taghha. Minn naha l-ohra, jekk din l-eccezzjoni hija diretta lejn id-danni li l-konvenut jallega li sofra b'kawza tal-agir tas-socjeta' attrici, dawn ser jigu ndirizzati fil-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti ser taghmel dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u l-kontro-talba tieghu.

12. Bit-tieni eccezzjoni, l-konvenut jilmenta li huwa sofra danni b'konsegwenza tal-agir tas-socjeta' attrici stante li uhud mill-oggetti trasportati garrbu hsarat, u stante li l-konvenut inkorra spejjez ta' zewg vjaggi lejn l-Ingilterra li saru inutilment stante li s-socjeta' attrici naqset li zzomm l-appuntament taghha mal-konvenut.

13. In sostenn tal-allegazzjoni tieghu li l-oggetti trasportati garrbu hsarat waqt li kienu taht ir-responsabilita' tas-socjeta' attrici, il-konvenut esebixxa diversi ritratti li juru xi hsarat fuq ghamara. Madankollu, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-Qorti jkollha taccetta l-verzjoni tal-konvenut li din il-hsara giet ikkawzata waqt il-garr, il-konvenut ma gabx prova dwar il-valur ta' din l-ghamara jew tal-hsara subita. L-oneru ta' din il-prova kienet tispetta lill-konvenut li kien qed jallegaha, u ma ngabet ebda raguni ghaliex huwa naqas milli jressaq provi biex jiggustifika jew ahjar jipprova d-danni reklamati minnu f'dan ir-rigward.

14. Fir-rigward imbaghad tal-allegazzjoni li huwa nkorra spejjez ta' zewg vjaggi lejn l-Ingilterra minhabba nuqqasijiet tas-socjeta' attrici, mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut mar l-Ingilterra fi tlett okkazzjonijiet separati. L-ewwel vjagg kien bejn it-30 ta' April 2010 u t-3 ta' Mejju 2010 u t-tieni vjagg kien bejn is-6 u s-7 ta' Mejju 2010. Mill-atti ma jirrizultax b'mod preciz il-perjodu tat-tielet vjagg, madankollu mill-

messaggi li ghaddew bejn il-konvenut u Kevin Attard jirrizulta li l-konvenut rega' kien l-Ingilterra fis-26 ta' Mejju 2010.[8]

15. Il-partijiet jaghtu verzjonijiet kunfliggenti dwar ir-ragunijiet ghaliex id-data tal-garr inbidlet. Is-socjeta' attrici tikkontendi li l-bidliet kienu dovuti ghal nuqqas tal-konvenut li jzomm mal-ftehim li kellu mal-agent taghha l-Ingilterra. Minn naha l-ohra, l-konvenut jinsisti li kienet is-socjeta' attrici li ma kinitx tigbor l-oggetti fil-gurnata maqbula.

16. Il-Qorti hija tal-kosiderata fehma li ghal dak li jirrigwarda t-tieni vjagg li ghamel il-konvenut, u cioe' dak bejn is-6 u s-7 ta' Mejju 2010, il-verzjoni tal-konvenut hija aktar kredibbli minn dik tas-socjeta' attrici. Din il-verzjoni giet korrobarata minn diversi messaggi mibghuta minn Kevin Attard lill-konvenut li fihom Attard jispjega lill-konvenut li kien l-agent tieghu li naqas milli jonora d-data maqbula. F'wiehed minn dawn il-messaggi Attard jghid lill-konvenut biex icempillu meta jasal lura sabiex jirrimborsah ghaliex, fi kliem Attard, dak li sehh kien imbarazzanti ghalih u ghar-reputazzjoni tal-kumpanija tieghu.[9] Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-vjagg li ghamel il-konvenut bejn is-6 u s-7 ta' Mejju 2010 sar inutilment ghal ragunijiet imputabbli lis-socjeta' attrici u l-ispejjez inkorsi mill-konvenut ghal dan il-vjagg u cioe' s-somma ta' €948.93[10] rapprezentanti l-prezz tat-titjira u l-ammont ta' €556.97[11] rapprezentanti l-prezz ta' kirja ta' vettura ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

17. Minn naha l-ohra mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-ewwel vjagg li ghamel il-konvenut bejn it-30 ta' April 2010 u t-3 ta' Mejju 2010. Ghal kuntrarju ta' dak li ghamel fir-rigward tat-tieni vjagg, fir-rigward ta' dan l-ewwel vjagg il-konvenut ghazel li ma jipprezentax t-traskrizzjoni tal-messaggi mibghuta lilu minn Kevin Attard u minflok ghazel li jipprezenta biss il-messaggi mibghuta minnu lill-istess Attard, liema messaggi fil-fehma tal-Qorti ma jitfghu ebda dawl fuq il-kwistjoni taht ezami.[12] Il-fatt li l-konvenut kien selettiv fl-ghazla ta' liema traskrizzjonijiet jigu prezentati u li dawn ma jigux ezibiti fis-sekwenza intiera u kronologika taghhom, jnissel f'din il-Qorti dubji

[8] Ara Dok MMX1 a *fol.* 91 tal-process
[9] Ara l-messaggi immarkati bhala Dok MM1 a *fol.* 70 tal-process
[10] Ara email datata 8 ta' Mejju 2010 immarkata bhala Dok MMX2 a *fol.* 92 tal-process
[11] Ara r-ricevuta immarkata bhala Dok MMX4 a *fol.* 94 tal-process
[12] Ara Dok MMX1 a fol. 91 tal-process

serji dwar il-verzjoni tal-konvenut relattiva ghal dan l-ewwel vjagg. Konsegwentement, it-talba tal-konvenut sabiex jithallas minghand is-socjeta' attrici l-ispejjez tal-ewwel vjagg ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

2. Tilqa' limitatament it-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-ammont rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mill-konvenut ghall-vjagg li ghamel bejn is-6 u s-7 ta' Mejju 2010 fl-ammont ta' elf hames mija u hames Euro u disghin centezmu (€1,505.90) jigu imnaqqsa mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici.

3. Tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u wiehed u sittin Euro u sitt centezmi (€2,061.06), bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Dwar il-kontro-talba tal-konvenut:

4. Tichad limitatament l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' attrici.

5. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' attrici.

6. Tichad it-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta' attrici.

7. Tilqa' limitatament it-talba rikonvenzjonali u tiddikkjara illi s-socjeta' attrici hija responsabbli ghal danni limitatament fl-ammont ta' elf hames mija u hames Euro u disghin centezmu (€1,505.90), liema danni gew debitament imnaqqsa minn dina l-Qorti mill-ammont akkordat lis-socjeta' attrici.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**